# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)

***<u>Kump. 290/01</u>***

***Pulizija***
***Spettur Paul Bond***
***vs***
***Raymond Borg***

Illum 20 ta' Settembru 2001

Il-Qorti,

Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuzi huma bazati fuq ir-reati ta' serq kwalifikat bil-mezz, valur u hin kif ukoll ir-reat ta' hsara volontarja ghad-dannu tal-Korporazzjoni EneMalta.

Illi mill-provi rrizulta li f'xi zmien il-meter sar tbabis fih bil-ghan li jinsteraq il-kurrent eletriku, izda ma giex provat li din l-azzjoni kriminuza saret fi zmien li fih il-post kien qed jigi okkupat mill-imputat. Mill-provi rrizzulta li l-imputat dahal fil-fond *de quo* f'Novembru 1997, u skond ix-xhud tal-Korporazzjoni - avut regward ghal-installed load - l-kunsum registrat huwa wiehed accettabli. **Dan jindika b'mod qawwi li r-reat ma giex kommess mill-imputat.**

Ghaldaqstant il-fatti dedotti fl-akkuza kontra l-imputat ma gewx provati sodisfacentement fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi ma ssibx lil imputat hati skond l-akkuzi u tilliberah minnhom.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***